MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2009

Numru 925/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Micallef**
**V**

**CARLOS GALEA**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **CARLOS GALEA** ta' hamsa w ghoxrin sena, bin Joseph u Josephine nee Scerri, imwieled Pieta nhar t-tlettax ta' Dicembru 1983 u residenti 29, Triq San Vincenz, Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita numru 12084M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Talli nhar l-erbgha ta' Settembru 2009 f'dawn il-Gzejjer u cioe fl-inhawi tal-pitch ta' Ta Sliema, matul il-jum, ikkommetta serq ta' basket kontenenti kartiera kif wkoll iPhone tal-marka Apple, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin euro u erbgha w disghin euro centezmu izda li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha w ghoxrin centezmu u

sebgha w tletin euro centezmu u li sehh ghad-dannu ta' Luca Vinco De Sesso u/jew ta' persuni ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-fedina penali tal-imputat esibita bhala dokument CSH.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, l-hamsa ta' Settembru 2009 ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuza kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti rat ai fini ta' piena:

a. Illi l-prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputat ikkorrobora bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz,

b. Illi l-imputat irritorna r-res furtiva kollha lid-derubat Luca Vinco de Sesso a tempo vergine tas-serqa;

c. Illi l-istess derubat Luca Vinco de Sesso ddikjara fil-presenza tal-istess ufficcjal prosekutur li ma kellu ebda pretenzjoni ohra fil-konfront tal-imputat u sahansitra anke hafirlu ghal dak li ghamillu;

d. Il-fatt li l-imputat ghadu kif kiseb impjeg tajjeb u f'dawn iz-zminijiet jehtieg li l-imputat ikompli jahdem sabiex izomm 'l boghod mill-hajja kriminali.

**Ghalhekk, il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 261(c) u 279(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u **tiddikjara li ssib lil imputat CARLOS GALEA hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tiddeciedi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' hmistax (15) il-xahar sospizi ghal erbgha (4) snin mill-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li jitpogga taħt ordni ta' supervizzjoni ghal perjodu kollu t'erbgha (4) snin mill-lum taħt l-annessi kundizzjonijiet ai termini tal-artikolu 28G (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna, li kopja ta' din s-sentenza tigi mibghuta lid-Direttur tal-Probation sabiex tigi appuntata l-persuna idoneja f'dan il-kaz.**

**Finalment tordna li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x'jigri f'kaz li jonqos li josservaha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Micallef**
**V**

**CARLOS GALEA**

**ORDNI TA' SUPERVIZZJONI**
**[Artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum,……………………….. 2009**

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata **CARLOS GALEA** ta' hamsa w ghoxrin sena, bin Joseph u Josephine nee Scerri, imwieled Pieta nhar t-tlettax ta' Dicembru 1983 u residenti 29, Triq San Vincenz, Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita numru 12084M **giet ikkundannat** ghal **piena karcerarja ta' hmistax (15) il-xahar sospizi ghal erbgha (4) snin mill-lum ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Supervizzjoni;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' Supervizzjoni lil persuna mputataw innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

**Tordna li l-imsemmija persuna mputata titqieghed taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti nominat u dan ghal dan il-perjodu taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficcjal ta' Supervizzjoni, inkluz kull direttivi li l-Ufficcjal ta'

Supervizzjoni jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Ufficcjal ta' Supervizzjoni skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Ufficcjal ta' Supervizzjoni ikun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Ufficcjal ta' Supervizzjoni b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Ufficcjal ta' Supervizzjoni kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Ufficcjal ta' Supervizzjoni bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess persuna mputata; u

5. Li l-persuna mputata izzomm boghod mid-droga darba ghal dejjem w issegwi kull programm ta' rihabilitazzjoni ghal istess jekk jidhirlu li hemm bzonn dan l-istess ufficcjal ta' supervizzjoni.

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati, lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.**

……………………………..

…………………………….

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------